# IMHABBA U LWIEN

*Ta'* Dun Frans Camilleri

Kif qalb tiriogħod fil-ħmura ta' fl-għaxija,
tistenna l-ħin sabiħ;
kif tfajla ttir bil-ferħ, u f'ħolm l-imħabba
tiżżejjen u tisbieħ.
Mirja mdawlin jaraw l-uċuħ bajdana
joqogħdu għat-tlewwin
minn swaba' rotob, bi trab fin u krejjem
u fwejjaħ mgħobbijin.
Imbagħad ma tistagħġibx fejn setgħet marret
ħmuret inżul ix-xemx
xħin tilmaħ dawk l-uċuħ u x-xufftejn ħomor
li bħalhom taf li mhemmx.
B'idejhom ħfief imewġu x-xagħar li joqgħod
f'kull għamla li jriduh:
u l-mera tidħak xħin tar'hom hekk boloh,
b'xagħarhom ukoll miżbugħ.
Sa l-leħen irattbuh u jtuh il-ħlewwa:
jitħarrġu fit-tbissim,
fi kliem magħżul li jrid jisraqlek qalbek,
fil-ħars u fit-tislim.
Imbagħad meta tar'hom, donnok tgħid bħalhom
li kollha saru sbieħ;
u tinsa, dak il-ħin, li, barra qalbhom,
kollox itir mar-riħ.

*  *  *

Issa ħerġin... Ħerġin mid-djar imfewħa,
ħerġin kollha mżejnin,
ħerġin b'mijiet ta' lwien, imgħaġġla, mxennqa,
ħerġin... ħerġin... ħerġin...
Bħall-friefet imsaħħrin li fir-rebbiegħa
jittajru fuq il-ward,
hekk it-tfajliet, imġenna, jduru, jduru
u jħeġġu l-wiċċ ta' l-art.

*  *  *

Żagħżugħ li tħobb, tħallix din il-ħuġġieġa
ta' lwien tikbes ġo fik.
Għada jintfew l-ilwien... u tkun biss tħammar
il-qalb li tħoss għalik.